# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University of Malta

**It-Tieni Sena** **Ġunju 1932** **No. 16**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

GUNJU 1932 ] IT-TIENI SENA [ Nru 16

# L-ORTOGRAFIJA TAGĦNA U L-ORTOGRAFIJA TAL-OĦRAJN

Ingħidulha tagħna mhux għax hi xogħolna jew għax konna aħna l-ewwel li daħħalnieha fil-kitba tal-Malti, iżda għax biha aħna niktbu, bħalma jiktbu l-aħjar kittieba, u hi weħedha li taqbel mal-fehmiet tagħna. U din l-ortografija tagħna, li l-lum imsemmija "ortografija jew alfabêt tal-Għaqda", wara tminn snin li ilha ħajja, wara tminn snin li ilha titqâbad ma' ortografija oħra bil-bosta eqdem minnha, ma' drawwiet li twieldu, trabbew u kibru magħna, ma' fehmiet ebsin, il-wirt taż-żmenijiet ta' qabilna, il-lum wara tminn snin narawha rebbieħa ta' għedewwa akbar u aqwa minnha.

Rebbieħa. Rebħ mibdi iżda għadu mhux mitmum. Ma jitbiddlux malajr id-drawwiet, ma jdurux malajr il-fehmiet. Jekk ħafna mill-kittieba u mill-qarrejja tal-Malti biddlu fehmiethom għax għarfu li l-ortografija tagħna hi l-aħjar waħda, ħafna oħra għadhom iwebbsu rashom u ma jridux jinfatmu mill-*ch* u mill-*gh*, u ma jridux jafu bil-*q* u anqas bil-*k* flok *c* jew *ch*. Tisma' min igħid : kitba bil-*q* ma rridux naqrawha, kliem miktub bħal *qalb, kelb* ma rridux narawh.

Jarawha kerha u jistmelluha bla ma taħti, din id-daqsxejn ta' ittra *q*, li aħna mhu feħsiebna nneħħuha qatt mill-kitba tal-Malti. Imma xejn ma jarawh ikrah, xejn ma jistmelluh dak il-ħafna ţgerfix tal-kitba li jħobbu jaqraw. Jekk niktbu *qalet*, igħidulna li qegħdin inġibulhom id-dardir, iżda jekk jaqrawha miktuba *kagħlet*, bħalma jħarbxu x'uħud, iħossuha tinżlilhom għasel. Ma togħġobhomx il-kitba tagħna minnħabba l-*q*, u togħġobhom kitba oħra bi kliem nofsu miktub ħażin. Għandi f'idejja ktieb żgħir bil-Malti, mimli kollu tagħlim tar-ruħ u għalhekk ma nsemmihx

biex ħadd ma jaħseb li rrid infixkel il-qari t-tajjeb. F'dan il-ktieb ma taqrâx faċċata waħda li ma ssibx fiha żbalji ta' ortografija: *sagħblu* flok *sâblu*, *denhi* flok *deni*, *bedha* flek *beda*, *setet* flok *setgħet*, *nisimhu* flok *nisimgħu*, *tirtgħab* flok *tirtâb*. U xi nsibu f'kotba oħra? Tgerfix li ma jinqarâx. Hekk: *bedgħu* flok *bdew*, *figħa* flok *fiha*, *mibgħowta* flok *mibgħuta*, *rkaġħad* flok *rqad*, u mijiet u eluf oħra. U kitba bħal din, li aktar jixirqilha tissemma taħsir ta' kitba, tiġri fl-idejn b'ħeffa li tgħaġġeb, bla ebda tfixkil, megħjuna min-nuqqas ta' tagħlim, imsaħħa minn drawwiet qodma, milqugħa mill-kotra. Iżda r-rebħ tagħna beda; l-ortografija tagħna bdiet tirbaħ l-ortografija ħażina, u bil-qawwa tas-sabar u bis-saħħa tal-fehma t-tajjba tibqa' sakemm tagħleb kull għadu u kull tfixkil, u tkun hi weħidha rebbieħa, hi weħidha l-ortografija tal-Malti f'Malta kollha.

## DAWL ĦANIN MEXXINI

*(Mill-Ingliż ta' Ċardinal Newman)*

O Dawl il-Ħniena, mexxi l-medda tiegħi
Ma' tul id-dlam li q'ed jinfirex dwari,
La tintefiex imm'ibqa' dejjem miegħi
U t-trieq urini fejn titnikker dari.
Mexxini Dawl Ħanin. Xejn iżjed ma nixtieq
Ħlief illi dawlek jofroq dlam it-trieq.

Mhux dejjem hekka tlabt l-għajnuna tiegħek,
U għalkemm imbeżża' jien ħallejt kburiti
Tmexxini fejn le jien niltaqa' miegħek,
U dwal oħrajn mexxewni tul żogħżiti.
O Dawl il-Ħniena dak li għadda mar
Insa Dawl Twajjeb, insa dak li sar;

U bħal ma s'issa dejjem sibtek ħdejja
X'ħin jien sejjaħtlek meta tlift it-trejqa,
Erġ' Int illum dawwalli lil għajnejja
—Għax id-dlam faħxi w jiena qalbi dejqa—
Wassalni fejn hemm dawk li jien ħabbejt
'Ma mimli bija n-nifsi kont insejt.

ROB.

Londra, 1932

# ID-DILLUVJU KIEN MAD-DINJA KOLLHA?

Sa ftit snin ilu qatt ma għaddiet minn rasna mistoqsija bħal din, għax dejjem konna naħsbu li d-dilluvju għarraq id-dinja kollha kemm hi. Iżda l-lum li bdejna nitfarfru xi ftit fit-tagħlim u sirna nafu kemm hi kbira l-art u kemm hu kbir il-baħar, kemm huma għoljin l-iġbla u kemm huma għoljin l-ibħira, kif issir ix-xita u kif iddub mill-art, kemm hawn ġnus ta' bhejjem u ta' tjur, kif igħixu u fejn igħammru, il-lum li nafu dan kollu nistaqsu: Kif jista' jkun li d-dilluvju għarraq id-dinja kollha?

Naqraw fil-Kotba Mqaddsa li qabel id-dilluvju Noê ħadem arka kbira, li kienet madwar 450 pied twila, 75 pied wiesgħa u 45 pied għolja. Fiha daħal hu u l-familja tiegħu, u daħħal miegħu żewġ minn kull ġens ta' bhejjem u żewġ minn kull ġens ta' tjur. Damet nieżla x-xita erbgħin jum. L-ilma għatta l-iġbla kollha kemm huma u għola 22 pied fuqhom. U mietu l-bhejjem tal-art kollha. Wara sena l-ilma tad-dilluvju kien nixef u Noê ħareġ mill-arka (Ktieb il-Ġenesi 6,12-8,22).

Dan tgħidilna l-Iskrittura. U x'igħidilna t-tagħlim tal-ħolqien? Igħidilna li l-għoli tal-iġbla hu bil-bosta akbar mill-għoli tal-baħar; il-muntanja Everest hi għolja xi 28,000 pied, u għalhekk l-ilma kollu tal-baħar, tax-xmajjar, tal-għadajjar, tal-widien mhux biż-żejjed biex igħatti l-art kollha u jogħla 22 pied fuq l-ogħla iġbla. Igħidilna wkoll li dak l-ilma kollu kien irid żmien aktar twil biex idub minn fuq l-art. Iżjed: xita qawwija li ddum 40 jum nieżla dejjem fuq wiċċ l-art kollha kemm hi ma taqbelx mal-liġijiet tal-pressjoni tal-arja.

Ħwejjeġ oħra jgħallimna l-ħolqien. Nafu l-lum li fuq l-art hawn eluf u eluf ta' ġnus ta' bhejjem u ta' tjur. Jekk Noê kellu jdaħħal żewġ minn kull ġens, l-arka ma kenitx tesagħhom; u barra mill-bhejjem Noê kellu jdaħħlilhom l-għalf għal żmien twil. Terġa': x'uħud mill-bhejjem igħixu biss fis-silġ, oħrajn biex igħixu jridu sħana li tikwi. Kif jista' jkun li bhejjem bħal dawn jitlaqqgħu taħt sema wieħed, f'art u fa kiesħa u l-anqas sħuna? U kif reġgħu marru lura lejn arthom u marru saħansitra fuq il-gżejjer fejn insibuhom il-lum? Dan kollu, jekk ma jidħolx driegħ Alla, b'saħħet il-ħolqien ma sata' jsir qatt.

Mela l-Iskrittura tgħidilna ħaġa b'oħra? Le. Niftakru li l-Iskrittura miktuba mill-bnedmin u għall-bnedmin, u għalhekk hi miktuba kif jitħaddtu u kif jiftiehmu l-bnedmin. Issa bosta drabi, aħna u nitħaddtu, ngħidu: *kollox*, *kollha*, *kullħadd*, biex infissru biss għadd kbir; hekk meta ngħidu: *l-aħbar*

*xterdet ma' Malta kollha*, ma nifhmux ngħidu li n-nies kollha kemm huma, sal-inqas u sal-iżgħar wieħed, semgħu bl-aħbar, iżda li għadd kbir ta' nies semgħu b'dik l-aħbar. Hekk ukoll fil-Kotba Mqaddsa ġie li nsibu kliem bħal dan: *l-art kollha* li ma għandhomx it-tifsir li għandhom fihom infushom. La darba hu hekk seta' Mosê, hu u jikteb il-ġrajja tad-dilluvju, igħid li d-dilluvju għarraq id-dinja kollha biex ifisser li d-dilluvju għarraq biċċa kbira mid-dinja, jew dik il-biċċa li dak iż-żmien kienet imgħammra bin-nies.

Din hi l-fehma tal-aqwa u tal-aħjar għorrief insara, jiġifieri, d-dilluvju ma xteridx mad-dinja, iżda ma' dik in-naħa biss li kienet imgħammra. U dak iż-żmien aktarx li l-bnedmin kien għadhom ma xterdux wisq, iżda kien għadhom igħammru fl-artijiet tal-Armenja u tal-Mesopotamja, mhux bgħid wisq minn fejn kien maħluq l-ewwel bniedem.

G. Theuma

*Kull ma kiteb hawn G. Theuma jaqbel f'kollox mat-tagħlim tal-għorrief kattolċi.*

Prof. P. P. Saydon

# MIN JARAH IGĦIDLI

Għajb mill-akbar li kien jista' jiġri lil tifel tal-iskola fejn kont immur biex indaħħal jew ideffsuli xi ftit għerf ġo fija, kien li jlibbsulec biċċa ta' ras ta' ħmar daqsiex ġewwa rasek u jqegħduk quddiem it-tfal kollha l-oħra. Ma ħalq il-ħmar kien hemm ganċ u miegħu kienu jdendlu biċċa karta li fuqha kienu jiktbu l-ħtija tiegħek, bħalli kieku: "Jiena kont pastas ħafna," jew "Jiena ma kontx naf il-lezjoni."

Billi ir-ras ma kellha l-ebda toqba anqas għal għajnejn il-ħmar, kif għandu l-ħmar meta jkun għadu ħaj, dan l-imsejken imlibbes ma kien ikun jista' jara xejn x'inhu isir madwaru u fis-sajf kienet toqtlu bil-għomma. Ma għandniex x'ingħidu, ftit kienu dawk it-tfal li għaddew xi żmien ġo din l-iskola li qatt ma kellhom ideffsu ġo rashom din ir-ras ta' ħmar u ras ta' ħmar quddiem wiċċek kienet ħaġa ta' kull jum.

Meta ħriġt mill-iskola, bqajt dejjem inħares lejn kull ħmar li kont niltaqa' miegħu fit-trieq u bqajt inħobbu dan l-annimal ta' sabar hekk kbir; għax kien ifakkarni fid-daħk li konna nidħku b'dik l-imbierka ras.

Inħallikom taħsbu, mela, kemm għoġobni u kemm qrajtu bil-qalb ktieb li sibt fih dan il-kliem li ntqal bejn żewġt iħbieb. Wieħed minnhom kien għadu kemm jasal minn barra u qal lil ieħor.

"Jiena ngħidlek li f'ħajti dort u rajt biż-żejjed u kull ma hawn x'tara fid-dinja, kollox rajt."

"U jiena ngħidlek," qabeż l-ieħor "li qabel ma tara dak li għandi f'rasi jiena, ma tkun rajt xejn. Din hi ħaġa li la int u anqas ħadd li aħna nafu qatt ma rawha."

"U x'inhi din il-ħaġa hekk tal-għaġeb li, kif qiegħed tgħid int, ħadd ħadd ma raha. Jiena dort ħafna u ma nafx biex inti ħiereġ."

"U jiena ngħidlek li ma rajthiex. Ftit huma dawk in-nies fil-gżira tagħna li rawha?"

"Iva x'inhi? il-ġlekk ta' La Valette il-Birgu?"

"Le."

"Mela għidli x'inhi."

"Jena naqta' rasi taħt mannara li qatt ma rajt ħmar mejjet."

Il-ħabib ħakk rasu u niżżilha u baqa' sieket. Għax ma għandniex xi ngħidu qatt ma' kien ra ħmar mejjet, qatt ma kien ħaseb fih u issa beda jsaqsi lilu n-nifsu xi jsir minnhom il-ħmir il-mejta li ma jidhru qatt. Dan l-imsejken ħmar igħaddi ħajtu kollha jġorr, imżeblaħ u imsawwat u jidher kullimkien fejn hemm in-nies, imma fejn imur u x'jagħmlu bih meta tintemm il-ħajja tiegħu, ħadd ma jaf.

Ili ħafna snin li qrajtu dan il-ktieb u dejjem kelli xewqa kbira ħafna li qabel ma mmut ikolli x-xorti li nara ħmar mejjet jew għall-inqas ħmara mejta. Ili ħafna snin nitħabat u għadu qatt ma nrexxieli, u anqas jiena ħmar mejjet għadni qatt ma rajt.

Għaldaqstant, nitlob lil kull minn jaqra dawn l-erba' kelmiet, li jekk qatt ikunu jafu fejn wieħed jista' jara ħmar mejjet, jibagħtu jgħiduli, ħalli mmur intih daqqa t'għajn sewwa. U ma hemmx bżonn ingħid li ħmara mejta, tgħodd ukoll.

Tancredi Paris

---

**Xerrdu dejjem**

***Lehen il-Malti***

# SĦABA

Sħaba tittajjar ġo l-ikħal fuqani.
sabiħa bħalek m'hemmx,
lil qalbi, ħelwa, tħajjar
ħalli ttir, ħalli ttir.

Tiġri minn art għal oħra, fuq il-bħura,
tara sabiħ u tajjeb:
u hekk titgħallem, tissebbaħ, w issir twajba.
Tara l-baħar jitqalleb u jidbaħrad
f'żogħżitu qatt mitfija,
mimli b'elf ħajja ġdida,
dejjem inaddaf, jagħmel qalb lill-art;
iż-żara jmewweġ fuq għoljiet, fuq wileġ;
is-siġar b'xuxa kbira,
li kienet ward, w issa dlonk tbiddlet f'weraq,
mnejn titla l-bilbla biex ġo fik tistaħba,
nikta ta' ferħ bil-ġisem,
u tgħanni għanja żgħira,
għax qalbha ma tiflaħx għal hena hekk kbira.
Tgħaddi minn fuq il-bliet:
u tisma' l-karba ta' bnedmin għajjena,
ta' bnedmin hemm maħqura,
li tgħaddi minn ġo fik u titla' għand Alla;
tisma' l-għajjat ta' nies
mitfugħa fit-taqbida
iħammru l-art bid-demm — u tidħaq bihom.
Minn ġo fik igħaddu l-anġli tal-Ħallieq,
igħannu għana tas-sema,
b'libsa bajda li tiddi aktar mix-xemx,
b'rashom bil-ward imdawra,
inizżlu ferħ lit-tajba,
għalkemm fid-dinja ma jarawx ħlief dieq.
Tgħallimt, tgħallimt, ja sħaba;
w'issa waqaft għal ftit fis-sema tagħna;
tqassamt f'għoljet, fir-rdajjem,
f'wileġ u f'għelieqi,
fi swar mnejn toħroġ il-berqa damdamija;
bi lwien issebbaħt kollok,
bi lwien li jisbqu l-ward,
isbaħ minn dawk li turi l-art rebbiegħa;
nizżilt ukoll xi trombi
biex aktar turi saħtek,
u frixt qawsalla bnina
li tgħaqqad l-art mas-sema,
u tgħid lil-bniedem ill'hemm l-hena fl-għoli;

raxxaxt ukoll xi qatra
ħa tqawwi l-qalb tax-xitla,
w'ir-ruħ taħsel mid-dnub.

Sħaba li mdendla ġo l-ikħal fuqani,
naħlef li bħalek m'hemmx!
Q'ed naħsbek xi poeta,
għax bħalek hu biss għaref,
jaf jara ġmiel u tjieba,
w'imbagħad jifrixhom, jagħmel ħaġa waħda,
xħin l-għanja jħoll ħa tisma l-art u s-sema!

Sħaba tiġġerra ġo l-beraħ fuqani,
sabiħa bħalek m'hemmx,
inti lil qalbi tħajjar,
ħalli ttir, ħalli ttir—
il-fuq, il-fuq mid-dinja,
mill-għagħa, mit-taqdir,
u hemm fuq ġo fik ninħeba,
u hemm fuq flimkien insiefru,
naraw sabiħ u tajjeb
fis-safra ta' bla tmiem!

A. Buttigieg

## FRAK

Warda li thenni,
Għana t'għasafar jidwi q'ed f'widnejja
U kliem ta' faraġ lili ħadd ma jtenni.

Warda bikrija,
Ara x-xemx sebħet thenni l-art b'dijietha
U jien q'ed sieket nibki l-jem mgħoddija.

Warda magħluqa,
Qatt ma kont ħiemed qatt ma kont imnikket
Sakemm minn xbejba qalbi ġiet misruqa.

Kewkba li tilma,
Ħalli 'l dijietek tasal hawnhekk, ħdejja
Nissini l-art, għollili l-fuq għajnejja.

Carm. Vella

# KLIEM MALTI MXERRED

Taħt dan l-isem bi ħsiebi nġamma' xi kliem Malti li jiena sejjaħt "imxerred" għax għalkemm għadu jimxi sewwa f'xi naħħiet, mhux imniżżel la fid-dizjunarju ta' Caruana, la f'ta' Falzon u l-anqas f'ta' Vassalli.

Dan mhux le xi kliem li miet għax intilef mal-milja tas-snin iżda kliem li f'xi nħawi jaqdi ħafna it-tifsira tal-ħsieb u l-għamla tat-taħdit.

Kif wieħed jara malajr mhux il-kliem kollu miġbur minni hu ta' nisel semi imma mħabba li l-ħoss wit-tifsila li ha huma maltin u maltin biss aħna ma nistgħux ma nilqgħuhomx fil-kitba tagħna. Li jkollna kliem barrani jfisser li aħna kellna x'naqsmu ma' artijiet oħra bħall-ġnus inċiviliti kollha, xejn iżjed. L-ilsna biex igħixu għandhom bżonn xulxin, jikbru minn fuq xulxin sewwa sew bħal pajiżi bil-kummerċ ta' bejniethom.

Bosta minn dan il-kliem smajtu l-Birgu.

*Ċieqa:* nitfa, xi ħaġa żgħira ħafna, ta' bla siwi. "Karmnu ħalla kollox lil oħtu u lil ħuh ma ħallielux *ċieqa*" Ara ma tħallix lil Toni jieħu xi ċieqa minn ħwejġek.

*Żiglant:* fjur taż-żiglant hu dak li aħna nsejħu wkoll "lellux".

*Qorċma,* Qorċmata. Ruxxmata, għadd kbir ta' nies, ħwejjeġ. "Saver, għandu qorċmata tfal x'jitma' w ilibbes".

*Tqerred:* Tibki għall kull xejn, tnewwaħ. Jgħidulek "Dejjem tqerred donnok sa teqred lil xi ħadd"

*Tagħmel ħabar:* Tagħmel frattarija fuq xejn. "Għamilt ħabar tgħajjat; x'jista' nqalgħalek?" Igħidu wkoll "tagħmel plejtu" jiġifieri tagħmel storbju: plejtu hi *el pleito* ta' li Spanjoli.

*Tixmoq*: Tikseb bis-sewwa jew bid-dnewwa. "Dak tieħ jixmoq minn fuq missieru, xejn iżjed".

*Żmaċtu*, *Żmaċta:* ta' kafkaf; Isejħu żmaċtu lil dak il-bniedem li donnu qatt ma ra' nies: "Oħtok saret tassew żmaċta mindu marret toqgħod ir-raħal."

*Tirrieċpa:* tlablab; tgħid ħafna "Ilu jirrieċpa u jitħabat fuq sagħtejn".

*Baqra ġnizzla:* Tissejjaħ hekk dik il-baqra li kellha darba jew darbtejn.

*Laħam xkett:* bla għadam bħal ma tkun iċ-ċanga għax-xiwi.

*(Jissokta)*

ĠUSÈ AQUILINA

# ANTOLOGIJA

---

## IL-PINNA U L-KLAMAR

(Prof. Don G. Vassallo)

Qalet, lejla waħda, il-Pinna
Lil Klamâr :—Eluf ta' snin,
Qegħda ngħid, bejni u bejn ruħi,
Aħna ilna miżżewġin.

U kemm għandna tfal!...Hemm tajjeb
Illi ħobż ma jitolbux ;
Għaliex, kieku kienu jieklu,
Kieku żgur ma ninqalgħux.

—X'inti tgħid, il-Klamâr qallha ;
X'inti taqla, il-lejla, x'int?...
—Kif qaltlu : kemm hawn kotba,
Ommhom jien, Missierhom int !

U kemm huma sbieħ uliedna !
U kemm jafu ħwejjeġ!...kemm !
It-tfal tagħna, għorrief kollha,
Ma jħallux il-Għerf jintemm !

Tixtieq taf kif bdiet id-dinja?...
U x'sar fl-ibgħad żmenijiet?...
Kemm li miet hilu l-Imħammet?...
Kif jitqassmu l-artijiet!...

Trid taf kemm hu għali is-sema?...
Fond il-baħar?...kbira l-art?
Għax jiġġieldu ix-xemx u l-qamar?
Mniex il-għomma?...mnejn il-bart?...

Jew kif għandek tgħix fid-dinja?...
Jew (jekk int) ma tibqax fqir?...
Sa fejn jasal moħħ il-bniedem?...
Jew il-brandi kif isir?...

Jew...x'naf jiena!...Kollox, kollox,
Igħidulek, u malajr,
B'ilsna qodma, bl'ilsna ġodod,
Bil-latin, bil-grieg, bil-qwajr.

—X'jaqta lsienek, Alla jbierek!
(Ħabat jisħon il-Klamar):
Isbaħ x'hemm mn'ulied il-Kokka?
Jien missier, ma nara ċar.

Kollha sbieħ! kollha għorrief!...
Iva, Pinn... tajjbin il-koll!
Ħilek int tinfixel bl-oħxon,
U hekk infxilt il-lejla wkoll!

Għandna x'erba' galantomi,
Li, tassew, jagħmlulna unur;
Imma, bona grazzja tiegħek,
L-aqwa fosthom mhux sigur!

Għandna iz-zopop, għandna l-għomi,
Għandna il-muti u it-turxien;
Għandna wkoll il-boloħ sewwa,
Li mnejn ħarġu, ma nafx jien!

Għandna mbagħad, partita oħra,
Ill'igħidu ftit, jew xejn;
Għandn'oħrajn li jtawwlu qamar,
Dak li tista' tgħid f'sagħtejn!

Jekk trid int titħaddet sewwa,
Il wisq minnhom tfaħħarhomx;
Jekk mbagħd, trid tħobbhom, ħobbhom!
Jien, għalija, ma nħobbhomx!

Kien hemm, darba, Sultan għarbi,
(Da' mn'uliedna nafu jien)
Li sab ġemgħa tfal minn tagħna,
U xeħithom ġon-nirien.

Xi ħadd għela; u kallu: "Sidi,
Għala, Sidi?...maħruqin?"
Is-Sultan refagħlu spalltu:
"Ħija," wieġbu, "*battalin!*"

X'għaqal kellu dak il-Għarbi!
Il-battal jixħtu fin-nar.
Illi tfal kelln'aħna inqas.
Kieku id-dinja tmur aħjar.

Xejn tinkorla!...xejn la tagħdab!...
X'fhimt li huma da t-tfal tiegħek?...
Jiġi waqt, Mulej aħfirli,
Nidgħi is-siegħa li ltqajt miegħek!

# TAGĦRIF

Wara l-laqgħa tat-22 ta' April kellna laqgħa oħra fil-25 ta' Mejju. Fiha inqraw dawn il-bċejjeċ :

PROF. P.P. SAYDON qara poëżija *Quddiem xbieha mqaddsa* u biċċa proża *Id-dilluvju kien mad-dinja kollha?* it-tnejn ta' g.t., u poëżija *Dawl ħanin mexxini* ta' Rob.

IS-SUR G. AQUILINA qara *Kollox jispiċċa* ta' V. M. Pellegrini, u *Kliem imxerred* tiegħu.

„ T. PARIS qara proża *Jekk taraħ għidli.*

Inqraw ukoll xi bċejjeċ oħra mibgħutin minn barranin. Lil dawn nerġgħu ngħarrfuhom li l-kitba ta' barranin inġibuha meta u skond ma jidhrilna, u f'kull ktieb ma nġibux aktar minn waħda, li tkun togħġobna l-aktar.

# KONKORS TA' KITBA MALTIJA

Biex dejjem inħajjru ż-żgħażagħ jiktbu l-Malti tajjeb, birreqqa u bis-sengħa, il-Għaqda tagħna tniedi dis-sena wkoll konkors ta' kitba maltija, wieħed għall-proża u wieħed għall-poëżija.

Min irid jidħol f'dan il-konkors jista'jikteb fuqiex irid. Il-proża tista' tkun jew novella jew fuq ħwejjeġ ta' tagħlim jew storja ta' Malta jew traduzzjoni minn ilsna oħra; iżda t-traduzzjoni jrid ikollha l-oriġinal magħha. Il-poëżija trid tkun twila minn 25 sa 40 vers, u l-proża mhux anqas minn żewġ faċċati ta' dan il-qari. Kull kitba tkun eżaminata f'kull ma titlob is-sengħa, jiġifieri, għal dik li hi għamla ta' kitba, għażla ta' kliem u ortografija.

Kull kittieb għandu jikteb isem b'ieħor fil-kitba tiegħu, u dan l-isem jarġa' jiktbu fuq envelops magħluq li jkun fih ismu u kunjomu u fejn joqgħod.

Hemm żmien sal-aħħar ta' Awissu.

Lil min jiġi l-ewwel jew it-tieni jew it-tielet, u lil min jistħoqqlu jkun imsemmi b'tifħir natuh xhieda miktuba b'isimna.

Kull kitba għandha tinbagħat lis-Segretarju ta' *Leħen il-Malti* c/o Empire Press, Valletta.

# L-IMSEĦBIN

li għadhom ma ħallsux, jistgħu jħallsu lis-Sur F.S. Caruana tal-Empire Press, u nitolbuhom iħallsu mill-aktar fis.

# KOTBA LI BAGHTULNA

*The Journal of the Malta University Literary Society* No. 2, u *La Brigata* No. 3 qari bl-ingliż u bit-taljan maħruġ mill-istudenti tal-Università; *The Teacher*, qari ta' kull xahar, bl-ingliż u bit-taljan, maħruġ mill-Għaqda tas-Surmastrijiet tal-iskejjel tal-Gvern; *Grammatka u Ortografija tal-Malti fil-qosor*, miktuba minn F. S. Caruana; *S. Teresa tal-Bambin Gesù*, Ġunju 1932 l-ewwel sena, No. 1. *Tagħlim ħafif fuq il-qari tal-Bibbja*, miktub minn A. M. Galea.

Niżżuħajr lil kullħadd.

## LIL DUN PIETRU PAWL GRIMA

Bħal warda miftuħa fl-isbaħ ġmiel tagħha li tinqata' missiġra qabel ma tidbiel u tfarfar, inqata' minn fostna fl-aħjar ta' żgħożitu Dun Pietru Pawl Grima, li miet tas-Sliema fit-13 ta' Mejju li għadda. Ħabrieki għall-ġieh ta' Alla u għall-ġid tal-erwieħ, imżejjen bil-għerf u bit-tjieba, dejjem ferrieħi u daħkani, ħabib taż-żgħażagħ li kien jaf jiġbidhom lejh u jmexxihom fit-triq it-tajba, ħaddiem li ma jafx b'mistrieħ, igħallem, jikteb, jipprietka, iqarar bi nhar u bil-lejl, it-telfa tiegħu jħossha kull min kien jafu.

Dun Pietru Pawl kien wieħed mill-aħjar kittieba tal-Malti. Hu għaraf il-ħtieġa tal-kitba biex it-tagħlim jilħaq mhux lil ta' madwaru, iżda lill-Maltin kollha,u hekk ħarġu minn idejh kotba ta' siwi kbir bħala tagħlim u bħala kitba Maltijja. Insemmu hawn xi ftit minnhom:

*Ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu*, 1922.

*Il-Ġrajja tal-Għaqda l-Qadima*, 1924.

*Il-Vanġeli tal-Ħdud u tal-Btajjel.*

Mill-Kotba Mqaddsa qaleb bil-Malti t-*Testment il-Ġdid* kollu.

Mit-Testment il-Qadim qaleb: *Il-Biki ta' Ġeremija* (1926), *Ester* (1928), *Ġuditta u il-Profeta Jona* (1928), *Il-Ktieb tal-Imħallfin* (1929), *Il-Ktieb tal-Profeta Danjel* (1929), *Eżdra* u *Nehemija* (1932).

Barra minn dawn kellu lesti u nittamaw li ma jdumux ma joħorġu: *Il-Ktieb tal-Profeta Ġeremija* u *Il-tnax il-Profeta ż-Żgħar.*

Kien jikteb ukoll f'*Leħen il-Malti* u fil-*Malti* u f'kull qari li jiswa ta' ġid għall-Maltin.

Il-ħabib li ħaseb fina f'ħajjtu, niftakru fih wara mewtu.

## ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn Malta id-doppju.